MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 10/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Nru. 3439/11 mahrug fis-29 ta’ Novembru 2011 fl-ismijiet:**

**Euro Concrete Blocks Limited (C 16202)**
**vs**
**A. Montebello Tyres Limited (C 8086)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ rikorrenti A Montebello Tyres Limited ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-11 ta’ Jannar 2012 fejn ippremettiet:

*“Illi fid-29 ta’ Novembru 2011 il-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited talbet u ottjeniet ill-hrug ta’ Mandat ta’ Sekwestru Numru 3439/11;*

*Illi ai termini tal-Artikolu 843 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta applikabbli ghal mandat ta’ sekwestru permezz tal-Artikolu 849 tal-Kap 12 il-kumpanija Euro Concrete Blocks*

*Limited kellha tintavola t-talba gudizzjarja ghall-pretensjonijiet minnha vantati fi zmien ghoxrin (20) jum mill-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru u konsegwentement tali talba gudizzjarja tigi intavolata sa mhux aktar tard mid-19 ta' Dicembru 2011.*

*Illi effettivament sad-19 ta' Dicembru 2011, il-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited naqset milli tipprezenta t-talba gudizzjarja fit-terminu prefiss u konsegwentement hemm lok li l-mandat ta' sekwestru odjern jigi revokat ai termini tal-Artikolu 836 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi ukoll in-nuqqas da parti tal-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited jaghti lok li jigi impost penali fuq l-istess kumpanija u dan ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;"*

Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna li ghas-spejjez tal-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited jinhareg l-opportun Kontro-Mandat ta' Sekwestru Numru 3439/11 fl-ismijiet premessi u dana ai termini tal-Artikolu 836 (1) (a) tal-Kap 12 u in oltre tikkundanna lill-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited thallas dik il-penali stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap 12.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Jannar 2012 fejn ordnat n-notifika ta' dan ir-rikors lill-intimat bi zmien jumejn ghar-risposta u appuntat il-kawza ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Euro Concrete Blocks Limited ghar-rikors tas-socjeta' pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fit-23 ta' April 2012 fejn eccepiet:

"*Illi din ir-risposta qed tigi pprezentata mill-esponenti li giet notifikata bir-rikors promotur nhar id-19 ta' April 2012 a tenur tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta' Jannar 2012;*

*Illi t-talbiet tas-socjeta' sekwestrata ghal hrug ta' kontro-mandat, skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 836 (1)(a) tal-*

*Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal kundanna ta' l-esponenti ghal hlas ta' penali skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 836 (8) (a) ta' l-istess imsemmi kapitolu, huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' sekwestrata u dan inter alia ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Ir-rikors promotur huwa irritwu u null billi skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 836 tal-kapitolu 12 "l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jghamel rikors lil Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella,* ***jekk tkun saret kawza jista jaghmel rikors lil Qorti li tkun qieghda tittratta dik il-kawza*** *li fih jitlob li l-att kawatelatorju jigi revokat sew ghal kollox jew f'parti minnu...." Effettivament, nhar it-22 ta' Dicembru 2011 – u cioe' ferm qabel il-prezentata tar-rikors promoturju, l-esponenti pprezentat kawza ossia rikors numru 419/2011, abbazi tal-pretensjonijiet kif dedotti fil-mandat kawtelatorju odjern. Dan ifisser illi kwalsiasi rikors ghar-revoka ta' l-istess imsemmi mandate kell skond id-disposizjonijiet suicitata, isir* ***fl-atti tal-kawza u mhux fl-atti tal-mandat.*** *Fil-fehma umli tal-esponenti l-istess disposizjoni suicitata hija mill-iktar cara u manifesta u ma taghti lok ghall-ebda interpretazzjoni u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess imsemmi rikors.*

*2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 ma jikkontemplax l-azzjoni ossia l-ewwel talba kif dedotta fir-rikors promotorju. Fil-fatt is-socjeta' sekwestrata qed titlob testwalment illi 'ghas-sejjez tal-kumpanija Euro Concrete Blocks Limited* ***jinhareg l-opportun kontro-mandat****," filwaqt illi l-imsemmi Artikolu jikkontempla biss azzjoni li permezz taghha pesuna sekwestrata tista' titlob li jigi* ***revokat*** *mandat kawtelatorju* ***ghal kollox jew f'parti minnu****. Ghalhekk fil-fehma umli tal-esponenti t-talba kif dedotta fir-rikors promotur mhix wahda kontemplata fil-ligi u konsegwentement l-istess talba ghandha tigi michuda minn din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jixhdu l-atti odjerni nhar id-9 ta' Dicembru 2011, is-socjeta' sekwestrata talbet il-hrug ta' kontro-mandat fl-atti tal-mandat kawtelatorju odjern abbazi ta' cedola ta' depozitu ta' garanzija bankarja li giet prezentata kontestwalment. It-talba ghall-hrug ta' dan il-kontro-mandat intlaqghet minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet ta' nhar it-12 ta' Dicembru 211. Dan ifisser illi l-mandat kawtelatorju odjern gie revokat skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 836 (1) (e) u konsegwentement m'ghadux aktar vigenti u fis-sehh. Dan ifisser ukoll illi t-talba ghal hrug ta' kontro-mandat ulterjuri kif dedotta fir-rikors promotorju hija legalment infondata u dan kemm billi ma jaghmel l-ebda sens illi jinhareg it-***tieni kontro-mandat*** *ossia l-mandat kawtelatorju odjern jigi revokat* ***ghat-tieni darba****, u dan anke ghaliex qieghed jintalab illi jinghata provvediment ossia digriet fl-atti tal-mandat illi, kif gja inghad* ***m'ghadux aktar vigenti u fis-sehh****. Daqstant iehor u ghall-istess ragunijiet hija legalment infondata t-talba tas-socjeta' sekwestrata ghal kundanna ta' l-esponenti ghal penali kif dedotta fl-istess rikors promotorju.*

*4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jinghad illi, skond id-dispozijonijiet tal-Artikolu 843(2) , jekk "ir-rikorrenti jonqos milli jaghmel il-kawza* ***minghajr raguni tajba****, l-eftetti tal-mandat jieqfu filwaqt li skond id-disposizjonijiet tal-Artikolu 836 (8) "Il-Qorti* ***tista*** *tikkundanna lir-rikorrenti li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali" fil-kazjiet imsemmija fl-istess Artikolu, fosthom f'paragrafu (a) ta' l-istess u cioe 'jekk ir-rikorrenti* ***minghajr raguni valida*** *ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit mill-ligi.' Dan, fil-fehma umli tal-esponenti jfisser illi t-terminu ta' ghoxrin jum imsemmi fl-Artikolu 843(1) mhuwiex wiehed fatali, u li ghalhekk il-Qorti tista' fid-deskrizzjoni taghha tiddeciedi li kien hemm ragunijiet tajbin u validi li jiggustifikaw il-prezentata ta' kawza wara l-iskadenza ta' l-istess imsemmi perjodu. L-esponent tirrileva ulterjorment illi anke f'kaz fejn jirrizulta li tali kawza tkun, effettivament giet pprezentata tardivament dan ma jfissirx li awtomatikamnet ghandu jkun hemm l-imposizjoni ta' penali billi tali imposizzjoni wkoll thalliet mill-legislatur fid-*

*diskrezzjoni assoluta tal-Qorti u dan skond naturalment ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.*

*Fil-kaz odjern,il-mandat kawtelatorju inhareg ossia gie akkordat nhar it-30 ta' Novembru 2011, filwaqt illi l-kawza ossia ir-rikors numru 419/2011 saret fit-22 ta' Dicembru 2011. Ghalhekk fl-ghar ipotesi ghall-esponenti l-kawza saret mhux aktar minn* ***jumejn*** *wara –iskadenza tat-terminu ta' ghoxrin jum hawn fuq imsemmi. F'dan ir-rigward, l-esponenti tirrileva illi kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tar-rikors odjern – r-rapprezentanti taghha kienu indisposti u ma setghux jattendu l-Qorti fl-20 u fil-21 ta' Dicembru 2011 u kien biss minhabba f'hekk illi l-kawza odjerna giet ipprezentata fit-22 ta' Dicembru 2011. Irid jinghad ukoll, ghal kull buon fini li matul it-terminu ta' ghoxrin jum hawn fuq imsemmi, kien hemm zewg festi pubblici u cioe' il-hamis 8 ta' Dicembru 2011 u it-13 ta' Dicembru 2011. Barra minn hekk, l-esponenti temmen illi, fic-cirkostanzi suesposti ma jkunx fl-ahjar interess tal-gustizzja li jinhareg kontro-mandat jew li l-mandat kawtelatorju odjern jigi revokat.*

*In vista tal-fatt illi l-esponenti ghad ghandha kawza pendenti abbazi tal-pretensjonijiet kif dedotti fl-istess imsemmi mandat. Ghal dawn ir-ragunijiet u minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, l-esponenti thoss illi din l-Onorabbli Qorti ghandha d-diskrezzjoni taghha, tichad kemm it-talba ghal hrug ta' kontro-mandat u anke dik ghal hlas ta' penali kif dedotti fir-rikors promotur."*

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012 xehed **Mark Aquilina** li kkonferma li huwa Direttur tas-socjeta' Euro Concrete Blocks Limited u li huwa responsabbli ghall-gestjoni taghha. Ikkonferma li huwa kien ipprezenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tas-socjeta' A. Montebello Tyres Limited u dan fid-29 ta' Novembru 2012. Mistoqsi ghaliex kontestwalment ma kienx ipprezenta rikors fejn talab kanonizzazzjoni tal-allegat kreditu tieghu qal li huwa is-soltu l-ewwel jipprezenta il-mandat bil-ghan li matul il-perjodu ta' ghoxrin gurnata jaghti cans lil dak li jkun jasal f'akkordju ta' hlas sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri. Qal li f'dan il-kaz gimgha qabel l-

gheluq tal-ghoxrin jum ghall-prezentata tar-rikors huwa safa’ ma jiflahx u spicca f’qiegh ta’ sodda. Spjega li huwa jbaghti minn xjatika u ghalhekk ma setghax johrog mis-sodda u kien ghalhekk li ma pprezentax ir-rikors tieghu fiz-zmien moghti lilu bil-ligi. Qal li appena qam mis-sodda huwa mar ghand l-avukat tieghu u tah direzzjoni sabiex jigi intavolat ir-rikors opportun kontra is-socjeta’ A Montebello Tyres Ltd sabiex jigi kanonizzat debitur tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw ir-rikors odjern fis-seduta tat-28 ta’ Novembru 2012 u jawtorizzaw lil Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi milli provi prodotti jirrizulta is-segwenti:

1. Illi l-intimat Mark Aquilina ghan-nom tas-socjeta’ Euro Concrete Blocks Limited kien ipprezenta Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 3439/11 kontra s-socjeta’ rikorrenti nhar id-29 ta’ Novembru 2011.
2. Illi in segwitu Mark Aquilina kien indispost u ghalhekk ipprezenta r-rikors tieghu sabiex izomm in vigore il-Mandat Kawtelatorju tieghu nhar it-22 ta’ Dicembru 2011 u cioe’ jumejn wara l-ghoxrin jum permess mill-ligi ghal prezentata tal-att gudizjarju biex izomm l-att kawtelatorju in vigore.
3. Illi skond Mark Aquilina dan sehh ghaliex kien indispost u ma jidhirx li is-socjeta’ rikorrenti qed tikkontesta dan il-fatt tant li ezonerat lis-socjeta’ intimata mill-htiega li tressaq lit-tabib li kien invista lil Mark Aquilina meta kien allegatament indispost bix-xjatika.
4. Illi in segwitu, jirrizulta wkoll li fid-9 ta’ Dicembru 2011 is-socjeta’ intimata kienet ipprezentat rikors ghall-hrug ta’ kontro-mandat liema rikors gie milqugh nhar it-12 ta’ Dicembru 2011 u ghalhekk hareg Kontro-Mandat numru 3509/11 bil-kawzali “*stante cedola ta’ depositu (Dok A) li qed tigi pprezentata kontestwalment ma’ dan il-mandat*”.
5. Illi in effetti ghalhekk jirizulta li l-kontro-mandat hareg fuq il-premessa li s-socjeta’ intimata

pprezentat cedola ta’ depositu bhala garanzija ghall-pretensjoni tas-socjeta’ A. Montebello Tyres.
6. Illi llum ghad hemm pprezentata l-Qorti l-garanzija li kienet giet depozitata fit-talba ghall-hrug tal-kontro-mandat fuq imsemmi.

Illi ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tordna il-hrug ta’ kontro-mandat sabiex b’hekk tigi *released* il-garanzija li giet depozitata mal-kontro-mandat numru 3509/11 u li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas il-penali dovuta ai termini tal-Artikolu 838 (8) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In primis s-socjeta’ intimata eccepiet li l-att jew ahjar ir-rikors promotur huwa null billi skond id-disposizjonijiet tal-**Artikolu 836 (1) tal-Kap 12** “l-*intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f’parti minnu...”.*

Jargumenta illi nhar it-22 ta’ Dicembru 2011 is-socjeta’ intimata kienet ipprezentat rikors numru 419/2011 abbazi tal-pretensjonijiet kif dedotti fil-mandat kawtelatorju odjern u ghalhekk fil-fehma tieghu dan ir-rikors messu gie prezentat fl-atti ta’ dik il-kawza u mhux fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju.

Bil-proceduri odjerni r-rikorrenti qed jitlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3439/11 fl-ismijiet “**<u>Euro Concrete Blocks Limited vs A. Montebello Tyres Limited</u>**” ai termini ta’ l-Artikolu 836(1)(a) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghaliex l-att kawtelatorju m’għadux iktar fis-seħħ;

Madanakollu kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjeta’ intimate Euro Concrete Blocks Limited il-fatt li s-socjeta’ rikorrenti pprezentat ir-rikors taghha ghar-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-Numru 3439/11 fl-atti ta’ dan il-Mandat u mhux fl-atti tal-kawza fl-ismijiet “**<u>Euro Concrete Blocks Limited vs A. Montebello Tyres</u>**

**<u>Limited</u>**" Rikors Nru. 419/11 pendenti quddiem din il-Qorti, ma jwassalx ghan-nullità u rritwalità procedurali tar-rikors taghha u tal-proceduri minnha istitwiti.

Din il-Qorti diversament preseduta già kellha l-opportunità tindirizza sitwazzjoni simili ghal dik in ezami fil-proceduri fl-ismijiet '**<u>Riccardo Samham v. Philip Petroni</u>',** Rikors Nru. 160/11 degretati fit-18 ta' Awissu 2011. F'dawk il-proceduri l-Qorti osservat illi *dan l-artikolu tal-Ligi* [ossia l-Artikolu 836(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] *huwa ferm* car u ma jhalli lok ghal ebda interpretazzjoni ulterjuri ta' dak hemm dispost. Jekk it-talba ghar-revoka tal-mandat kawtelatorju issir wara li tkun giet intavolata l-azzjoni opportuna mill-kreditur fil-konfront tad-debitur, id-debitur ghandu jipprezenta t-talba tieghu – bir-Rikors opportun – fl-atti ta' dik il-kawza. Il-logika wara din id-disposizzjoni tal-Ligi hija evidenti: la l-kawza hija intrinsikament marbuta mal-kawzali fuq liema jkun gie ottenut mandat kawtelatorju mill-kreditur kontra id-debitur, huwa bil-wisq gust u logiku li talba ghar-revoka ta' dak il-mandat, u anke talba ghall-kundanna hlas ta' penali fejn din issir, issir atti ta' dik il-kawza, partikolarment meta din tkun ibbazata fuq l-Artikolu 836(1) (b) u/jew (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, necessarjament ikollha tezamina, anke jekk fuq bazi purament prima facie, certa aspetti li jistghu jirrizultaw mill-azzjoni fil-meritu, ad ezempju l-mod u l-parametri entro liema l-kreditur ikun iddeducja jew ahjar illikwida l-pretensjoni tieghu fil-konfront tad-debitur. B'hekk, meta fiz-zmien tal-prezentata tal-proceduri ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju tkun già giet istitwita l-azzjoni fil-meritu, l-iktar mod prattiku u spedjenti kif jista' jsir tali ezami huwa appuntu mill-Qorti li quddiemha tkun pendenti tali azzjoni fil-meritu.

Fil-proceduri <u>Samham v. Petroni</u> zdied jinghad illi "*ghalkemm huwa veru li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) hija Qorti wahda indipendentement mill-identità tal-Magistrati individwali li jippresjeduha u ghalkemm il-formalizmu eccessiv ghandu kemm jista' jkun jigi evitat, ma ghandux però jithalla ghaddej kollox jew li jigi inkoraggit permissivizmu ingustifikat fir-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u ghaldaqstant jigi ribadit li r-Rikors odjern kellu*

*jigiipprezentat fl-att tal-kawza fl-ismijiet "**Riccardo Samham v. Philip Petroni"** bin-numru 152/11CSH. …Ghalkemm ir-rikorrent kellu ai termini tal-Ligi jressaq it-talba*
*tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 1421/11 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet "Riccardo Samham v. Philip Petroni" Rik. Nru. 152/11CSH, il-fatt li dan ma ghamlux ma jfissirx li r-rikors odjern hu proceduralment monk u null kif donnu pretiz mill-intimat fir-Risposta tieghu."* (sottolinear ta din il-Qorti)**.**

Il-Qoti sejra tghaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-kaz u li, kif intqal qabel ir-rikorrenti qieghed jibnihom fuq kawzali specjali tal-ligi. Qabel xejn, ghandu jinghad li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dan il-procedura m'ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma' ezami x'aktarx formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-Mandat u dan mill-att innifsu u li dan ma inhargix b'mod abbuziv.

Illi ir-rikorrenti jsemmi kawzala wahda li dwarha jistenna li t-talba tieghu tigi meqjusa u cioe' dik imsemmija fis-**sub inciz (a) tal-Artikolu 836 (1).**

**L-artikolu 836 (1)** jipprovdi is-segwenti:

"*Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
*(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ*;"

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta bla tlaqliq li s-socjeta' intimata kienet ipprezentat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra r-rikorrenti odjern numru 3439/2011 u dan kif ammess mis-socjeta' intimata stess fir-risposta

taghha ta’ nhar it-23 ta’ April 2012 u ikkawtelat l-pretensjonijiet taghha imsemmija f’dan l-istess mandat ta’ sekwestru kawtelatorju permezz ta’ kawza li giet intavolata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar it-22 ta’ Dicembru 2011 u ghalhekk jumejn wara t-terminu moghti mill-ligi ta’ ghoxrin jum ghall-prezentata ta’ l-att li jikkawtela l-pretensjoni.

L-intimat qed itenni li huwa kien gustifikat li jippezenta l-kawza wara it-terminu moghti lilu bil-ligi u dan ghaliex kellu *“raguni valida.”* Il-Qorti pero’ ma taqbilx ma’ din il-linja difensjonali u dan ghaliex ir-rikors li jigi prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati mhux xi att formali li ghandu bzonn il-gurament tal-parti izda huwa att li jista’ jigi prezentat minn kwalsiasi persuna basta naturalment ikun awtorizzat li jghamel hekk. F’dan il-kaz l-intimat setgha facilment jaghti direttiva lill-avukat difensur tieghu sabiex jipprezentah molto piu’ meta tqis kif stqarr fix-xhieda tieghu stess li kien jaf bit-terminu fil-ligi izda ghazel li jistenna bil-ghan li forsi jkun hemm xi transazzjoni qabel. Illi jidher li in segwitu s-socjeta’ rikorrenti kienet talbet il-hrug ta’ kontro-mandat u dan fid-9 ta’ Dicembru 2011 abbazi ta’ cedola ta’ depositu ta’ garanzija bankarja li giet prezentata kontestwalment. Din il-Qorti laqghet it-talba u il-kontro mandat hareg nhar it-12 ta’ Dicembru 2011 u ghalhekk il-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru 3439/11 gie revokat skond id-disposizjoni tal-**Arikolu 836 (1) (a)** u ma baqax hekk in vigenti pero’ l-effetti tal-garanzija banakarja baqghu hemm fis-sens li ir-rikorrenti ghad ghandu flus marbuta mal-Bank. Illi ghalhekk minhabba ic-cirkostanzi fuq spjegati u cioe’ li l-intimat ipprezenta l-att tieghu tardivament, il-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ma kellux aktar effett u ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba ghall-hrug ta’ kontro-mandat ai fini tar-rilaxx tal-garanzija bankarja.

Dwar it-tieni talba tar-rikorrenti u cioe li din il-Qorti tikkundanna il-penali stabbilita ai termini tal-**Artikolu 836 (8) (a) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti ghandha s-segwenti xi tghid:

Illi b'effett tal-**Att XXIV tal-1995, l-Artikolu 836 (8) j**indika l-kazi ad hoc fejn *"il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrenti li jkun hareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun hareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:-*
*"(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stipulat mill-ligi.*
*(b) jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellhu jinhareg jew fi zmien hmistax-il jum qabel ma sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa*
*jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta' bizzejjed.*

*Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhom japplikaw meta jintwera li kien hemm raguni ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat.*

*(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja,tkun frivola, jew vessatorja".*

Illi fis-sentenza **"<u>SN Properties Limited vs George Camilleri</u>"** (P.A. (RCP) 6 ta' Gunju 2000) dik il-Qorti sostniet li *"minn ezami tal-istess ragunijiet jidher car, li apparti xi ragunijiet specifici li gew introdotti per se fl-istess artikoli, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bhal ma stabbilit fil-gurisprudenza konstanti ezistenti qabel ilpromulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuz minn tali hrug ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuz huwa identifikat f'kazijiet ta' mala fede, vessatorjeta' u negligenza grossolana"*.

*"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kazijiet ma eliminawx per principju l-azzjoni generali ghad-danni fuq riferita fis-sentenzi citati ai termini tal-**Artikolu 1031 tal-Kap 16**, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni, pero' in verita' u fil-prattika tali azzjoni, diretta ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji, giet illum kristalizzata bl-istess **Artikolu 836 (9**). Dan ghaliex l-istess artikolu introdott bil-ligi tal-1995, ikkodifika u applika l-principji elenkati fil-gurisprudenza ta' qabel in materia, dwar l-ezercitazzjoni ta' azzjoni ta' danni wara il-hrug ta' mandat kawtelatorju, u minn ezami tal-istess ragunijiet hekk elenkati, huwa difficli li wiehed jahseb li hemm ragunijiet barra dawk elenkati flistess **Artikolu 836**, fejn l-azzjoni in generali tista' tirnexxi".*

Illi l-pozizzjoni dwar kawza ta' danni b'konsegwenza diretta ta' intavolar *da parte* tal-intimat ta' rikors ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju (f'dak il-kaz mandat ta' inibizzjoni) gie trattat fil-kawza fl-ismijiet **"<u>Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri</u>"** (P.A. J.S.P. 10 ta' Jannar 1992) fejn gew rijaffermati s-segwenti principji:-

(a) Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima *"qui suo iure utitur, non videtur damnum facere"*, bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel.

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat.

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi,credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il-riconoscimento, sebbene non vi riesca"***("<u>Demajo vs Page</u>"** - Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895**)** Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interprettazjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' **("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) *nascent* minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("**Agius vs Dott. Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficient a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* **("Mugliette vs Bezzina"** - XXVI. I. 405).

*(e)* Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-

*"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso … … riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti". Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario…..". (***Baudry - Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto Civi**le - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560).

Illi dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawza huwa jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex *prima facie* bazi guridika li fuqha setghet tagixxi sabiex tohrog mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-principju li d-dritt *per se* ghall-azzjoni gudizzjarja ma ghandu bl-ebda mod jigi pregudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteggi l-interess taghha sakemm id-dritt sostantiv jigi finalment determinat mill-istess Qorti. Illi min dan isegwi li anke jekk jigi determinat fil-pozittiv li r-rikorrenti kellu dritt jagixxi sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tieghu, kif intqal fid-decizjoni **"Visa Investments Limited vs Blye Engineering Co. Ltd"** (P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001) *"Illi*

*ovvjament dan ma jfissirx li tali azzjoni tas-socjeta' intimate ser tirnexxi, ghaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawza u fl-ambitu tal-kawza proprja dwar il-mertu."*

Illi applikati dawn il-principji ghal-kaz *de quo* jirrizulta li f'dawn ic-cirkostanzi l-intimat ma mexiex b'malizzja jew vessatorjeta' taht id-disposizzjonijiet fejn dawn huma kontemplati fl-**Artikolu 836 (8) (d)** u ghalkemm jidher li hemm ksur tad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-istess subartikolu (proprju is-sub inciz (a) , jirrizulta wkoll mill-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, li din il-Qorti ghandha diskrezzjoni jekk tikkominax u timponix il-penali indikati fl-istess subartikolu u dan jidher car meta jinghad li l-Qorti *"tista tikkundanna"* l-hlas ta' penali u din id-diskrezzjoni tiddependi fuq il-fattispecji tal-kaz.

Illi f'dan il-kaz jirizulta li s-socjeta' rikorrenti ghandha garanzija bankarja marbuta u ilha hekk marbuta ghal din l-ahhar sena u cioe' mit-12 ta' Dicembru 2011 meta inhareg il-kontro-mandat. Illi pero' is-socjeta' rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar id-danni li hija allegatament sofriet u ghalhekk in vista ta' dak li gie spjegat aktar 'il fuq u fid-dawl tad-diskrezzjoni tal-Qorti dwar il-kundanna ta' penali, l-Qorti thoss li dan mhux kaz li ghandha tapplika penali ghalkemm huwa minnu li l-intimat ipprezenta l-att gudizzjarju tardivament.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma thossx li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha sabiex tapplika l-penali ndikata fil-ligi, ghalkemm bl-ebda mod dan ma ghandu jfisser li b'xi mod din il-Qorti qed tinkoraggixxi zbalji ta' dan it-tip, anke ghaliex l-effett ta' tali zbalji jista' jkun hafna iktar serju minn dawk hawn allegati, li bl-ebda mod f'dan il-kaz ma gew sostanzjati *nonostante* li ghaddew iktar minn sena mill-prezentata tac-citazzjoni odjerna.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel talba tas-socjeta' rikorrenti b'dan illi tordna r-rilaxx tal-garanzija bankarja annessa mal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 3439/2011 u tichad it-tieni talba**

**sabiex tordna lill-intimat ihallas il-penali, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura jithallsu kollha mis-socjeta' intimata.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------